



2024/2161

14.8.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2161

tal-14 ta' Awwissu 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2024, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) neħħa żewġ persuni mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

⁽¹⁾ ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60.

ANNEX

L-entrati li ġejjin huma mħassra mil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "A. Persuni" fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 ("Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikoli 1a u 2"):

3. Ali Abdullah Saleh (magħruf ukoll bħala: Ali Abdallah Salih);
5. Ahmed Ali Abdullah Saleh (magħruf ukoll bħala: Ahmed Ali Abdullah Al-Aħmar).